# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/435

## tat-12 ta' Marzu 2019

## dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bl-isem ta' "Housing for All"

*(notifikata bid-dokument C(2019) 2004)*

**(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Is-suġġett tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bit-titolu "Housing for All" jirreferi għal li ġej: "L-għan ta' din l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej huwa li ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-qafas legali u finanzjarju biex tiffaċilita l-aċċess għall-abitazzjoni għal kulħadd fl-Ewropa."

(2) L-objettivi tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta jirreferu għal dan li ġej: "Aħna nħeġġu lill-UE tieħu azzjoni biex tiffaċilita l-aċċess għall-abitazzjoni għal kulħadd fl-Ewropa. Dan jinkludi aċċess aktar faċli għal kulħadd għal akkomodazzjoni soċjali u bi prezz li jintlaħaq, mingħajr l-applikazzjoni tal-kriterji ta' Maastricht għall-investiment pubbliku f'akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, aċċess aħjar għall-finanzjament tal-UE għal żviluppaturi tal-akkomodazzjoni sostenibbli u mingħajr skop ta' qligħ, regoli soċjali bbażati fuq il-kompetizzjoni għal kiri għal żmien qasir u l-ġbir ta' statistika dwar il-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni fl-Ewropa."

(3) L-anness tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta jsemmi speċifikament għadd ta' objettivi li għandhom jiġu segwiti minn atti legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati, jiġifieri:

— "Aċċess imtejjeb għal akkomodazzjoni ssussidjata fl-Unjoni Ewropea",

— "Ma għandux jitqies l-investiment pubbliku fi djar bi prezz li jista' jintlaħaq fil-kriterji ta' Maastricht tad-defiċit",

— "Aċċess aħjar għal riżorsi finanzjarji minn fondi Ewropej għal forniturи mingħajr skop ta' qligħ u akkomodazzjoni pubblika",

— "Adozzjoni ta' qafas regolatorju armonizzat fil-livell Ewropew għal kiri b'terminu qasir ta' akkomodazzjoni privata flimkien ma' provvista suffiċjenti ta' akkomodazzjoni affordabbli",

— "Inklużjoni ta' *data* standardizzata dwar is-sitwazzjoni tal-akkomodazzjoni fl-Ewropa fil-Programm Ewropew tal-Istatistika".

(4) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) isaħħaħ iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jqawwi l-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprevedi, fost l-oħrajn, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

(5) Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-inizjattiva taċ-ċittadini jkunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini sabiex titħeġġeġ il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u biex l-Unjoni ssir iktar aċċessibbli.

(6) Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tippreżenta proposti għal atti legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

— għall-koordinazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri dwar il-bidu u l-insegwiment ta' attivitajiet bħala persuni li jaħdmu għal rashom, abbażi tal-Artikoli 53(1) u 62 tat-TFUE;

— għal dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni ta' leġislazzjoni li tikkonċerna t-taxxi fuq il-fatturat, id-dazji tas-sisa u forom oħra ta' tassazzjoni indiretta sal-livell li tali armonizzazzjoni tkun neċessarja biex tiżgura l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern u biex tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni, abbażi tal-Artikolu 113 TFUE;

([1]) ĠU L 65, 11.3.2011, p. 1.

— għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolamenti jew b'azzjoni amministrattivi fl-Istati Membri li jkollhom bħala l-objettiv tagħhom l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern, abbażi tal-Artikolu 114 TFUE.

— għall-approssimazzjoni ta' tali liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jaffettwaw direttament l-istabbiliment jew il-funzjonament tas-suq intern, abbażi tal-Artikolu 115 TFUE.

— għal aktar dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jevitaw defiċits eċċessivi tal-gvern kif stabbilit fil-protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattati, abbażi tal-Artikolu 126(14) tat-TFUE;

— għall-adozzjoni ta' regolamenti ta' implimentazzjoni relatati mal-Fond Soċjali Ewropew, abbażi tal-Artikolu 164 TFUE;

— fil-qasam ta' azzjonijiet speċifiċi 'il barra mill-fondi strutturali u sabiex jiġi promoss l-iżvilupp armonjuż ġenerali tal-Unjoni, l-iżvilupp u l-insegwiment ta' azzjonijiet li jwasslu għat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha kif previst fl-Artikolu 174 tat-TFUE, abbażi tal-Artikolu 175(3) TFUE;

— għal dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jiddefinixxu l-kompiti, l-objettivi ta' prijorità u l-organizzazzjoni tal-fondi strutturali, li jistgħu jinvolvu r-raggruppament tal-fondi, fuq il-bażi tal-Artikolu 177 tat-TFUE;

— għall-adozzjoni ta' regolamenti ta' implimentazzjoni relatati mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, abbażi tal-Artikolu 178 TFUE;

— għal miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika, fejn meħtieġ, għall-prestazzjoni tal-attivitajiet tal-Unjoni, abbażi tal-Artikolu 338 TFUE.

(7) Għal dawn ir-raġunijiet, l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, sa fejn għandha l-għan li tressaq proposti mill-Kummissjoni għal atti legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati li għandhom l-għan li jilħqu l-għanijiet imsemmija fl-inċiżi 2 sa 5 tal-premessa 3 ma jaqgħux manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni bil-għan li jiġu implimentati t-Trattati skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011.

(8) Min-naħa l-oħra, atti legali għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-qasam ta' impriżi pubbliċi u impriżi li l-Istati Membri jagħtu drittijiet speċjali jew esklussivi, kif ukoll impriżi fdati bit-tħaddim ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali jew li jkollhom il-karattru ta' monopolju għall-qligħ, abbażi tal-Artikolu 106(3) TFUE huma adottati mhux fuq proposta mill-Kummissjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, iżda mill-Kummissjoni.

(9) Madankollu, jekk l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta tiġi ppreżentata lilha skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011, il-Kummissjoni tintrabat li tivvaluta wkoll il-ħtieġa għall-adozzjoni jew l-emendar ta' atti legali abbażi tal-Artikolu 106(3) tat-TFUE fid-dawl tar-rilevanza tagħhom għas-suġġett ta' din l-inizjattiva.

(10) Barra minn hekk, il-kumitat taċ-ċittadini ġie ffurmat u l-persuni ta' kuntatt ġew maħtura skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 u l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta la hi manifestament abbużiva, la frivola jew vessatorja u lanqas manifestament kuntrarja għall-valuri tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-TUE.

(11) L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bl-isem ta' "Housing for All" għandha għalhekk tiġi reġistrata. Għandhom jingħabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, abbażi tal-fehim stipulat fil-premessi 6 sa 9.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta bl-isem ta' "Housing for All" hija hawnhekk reġistrata.

2. Jistgħu jingħabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, abbażi tal-fehim stipulat fil-premessi 6–9 ta' din id-deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Marzu 2019.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-organizzaturi (il-membri tal-kumitat taċ-ċittadini) tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li ġġib l-isem ta' "Housing for All", irrappreżentata mis-Sinjura Ms Karin ZAUNER u s-Sur Santiago MAS DE XAXAS FAUS, li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Strasburgu, it-12 ta' Marzu 2019.

*Għall-Kummissjoni*
Frans TIMMERMANS
*Viċi President*